**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**KALKARA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8/25

17 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**8.25.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

8.25.1.1 Is-Sur Vincent Bongailas informa li ġej ftit minuti tard għal-laqgħa.

**8.25.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

8.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 8.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

8.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Maria Sultana u sekondati mis-Sur Christopher Bruno l-minuti ta' seduta 8.25 ġew approvati unanimament.

8.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**8.25.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

6.24.5.1 **Ġnien is-Salvatur**

Is-Sindku informa li ser isir *insulation test* ħalli jiġi ċċertifikat li l-*wiring* tal-fanali minn taħt l-art għadhom f'kundizzjoni tajba qabel jitwaħħlu l-fanali. L-*electrician* li qed jagħmel ix-xogħolijiet ikkonferma li l-*floodlights* li jinsabu fl-istess ġnien u li jixgħelu is-swar jaqgħu taħt l-Enemalta. Għalhekk ser tintbagħat imejl lil Enemalta sabiex jiġu jirrenġaw il-*floodlights* li huma mqabbdin mad-distribuzzjoni tal-Gvern Ċentrali.

7.25.1.1 **Serviżż Door-to-Door ta' Ġbir ta' kontenituri Reċikabbli li Jittieħdu mill-Magni tal-BCRS**

Is-Sindku provda analiżi fuq il-proġett pilot tal-ġbir tal-kontenituri reċikabbli tal-BCRS provdut *door-to-door*. Huwa ikkonferma li s-servizz kien wieħed ta' suċċess tant li 20 anzjan 'il fuq minn sittin sena li bbenefika minn din l-iskema.

Matul il-ġimgħat li ġejjin, is-Sindku ser ikun involut fl-laqgħat ħalli jitfassal pjan ta' kif ser jiġi varat dan il-proġett f'mod ħolistiku.

7.25.4.3 **Xogħolijiet fl-Akkwati taċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq**

Il-ġimgħa d-dieħla l-lokalita` tal-Kalkara ġewwa Fort Ricasoli ospitat għall-ewwel darba l-Mediterranean Film Festival li ġie imtella' mill-Malta Film Commission. Matul dan il-Festival ser isiru sensiela ta' *workshops*, seminars, diskussjonijiet ma' diretturi tal-Films b'fama internazzjonali.

Is-Sindku flimkien mal-Kummissarju ta' din il-Kummissjoni ġibdu l-attenzjoni fuq l-istat ta' abbandun li tinsab fiha t-triq li tagħti għall-entratura

tal-Fort Ricasoli tant li kontinwament huma għamlu pressjoni mal-Gvern Ċentrali fejn talbu laqgħa ħalli jsir *uplift* ta' din l-akwata qabel isir il-Festival.

B'kollaborazzjoni mal-Enemalta, Cleanmalta, Infrastructure Malta, Ambjent Malta u entitajiet oħra bdew ix-xogħolijiet li jinkludu tindif mill-ħaxix selvaġġ, żbir ta' siġar, tisbieħ bi arbuxelli, alfaltar ġdid, fanali tad-dawl, sinjali tat-toroq.

Ilum nistgħu ngħidu li dan il-proġett tlesta u din l-akwata ngħata dehra mill-isbaħ. B'hekk issa tista' titgawda min-nies li jħobbu jmorru jimxi f'din l-akwata.

7.25.5.1 **Talba għall-Parkeġġ Riservat għal-Lotto Office**

Fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill kien approva t-tabella dwar il-ħinijiet tal-ftuħ li kien talab sid tal-Lotto Office kif ukoll il-parkeġġ riservat. Madanakollu, ġie nnutat illi it-talba tal-ftuħ tal-istabbiliment ma kienx qed tiġi segwita tant illi minflok jiftaħ fis-7am kien qed jiftaħ fid-9am u jagħlaq fis-6pm minflokk fil-11pm. Dan wara li s-Sa Chircop kienet irċiviet xi nformazzjoni dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jikteb lis-sid tal-Lottu biex jindika bl-eżatt il-ħinijiet tal-ftuħ u għeluq.

7.25.5.2 **Timed Parking quddiem tal-Istabbiliment tal-Ħobż**

Wara li kien diskuss li jsir parkeġġ faċċata tal-istabbiliment tal-ħobż ħalli dawk ir-residenti li jixtiequ jagħmlu użu tiegħu sakemm jixtri l-ħobż, il-Kunsill qabel li jsir parkeġġ appożitu. Dan il-parkeġġ kien ser isir un/loading għal matul il-ġurnata u filgħaxija jiġi parkeġġ bil-ħin.

Għalhekk ġiet sottmessa t-talba tal-Kunsill għand Transport Malta iżda l-Kunsill ġie ggwidat li jagħmel parkeġġ bil-ħin u jneħħi l-un/loading.

Is-Sa Sultana staqsiet jekk jistax jiżdied għall-tletin minuta. Is-Sindku huwa tal-opinjoni li l-parkeġġ ikun għall-ħmistax -il minuti biss.

**8.25.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

8.25.4.1 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li mozzjonijiet għandhom ikunu proponuti u sekondati kif inhu stipulat fil-liġi.

8.25.4.2 Fakkar ukoll li l-Kunsilliera jistgħu jgħaddu l-kommunikazzjoni u l-mistqosijiet tagħhom lis-Sindku billi jibgħatuhom bil-miktub meta s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat lill-Kunsilliera l-Agenda ħamest ijiem qabel il-laqgħa.

8.25.4.3 **Ħaddiema ġodda mill-Community Workers Scheme**

Il-Kunsill ġie nfurmat li bbenefika minn żewġ ħaddiema oħra mill-Community Workers Scheme. Waħda mill-ħaddiema ser tagħmel xogħol klerikali filwaqt li ieħor ser jagħmel xogħol ta' manutenzzjoni.L-iskrivana ser isservi ukoll meta l-ħaddiema tal-librerija tkun assenti.

8.25.4.4 **Cameras tas-Solveljanza fiż-żona tax-Xewkija**

Wahda mill-wedgħiet lis-sidien tad-dgħajjes ġewwa ż-żona tax-Xewkija kienet li ż-żona tiġi ssorveljata b'cameras ta' sigurta`. Kien hemm bżonn li tintalab approvazzjoni mill-Enemalta sabiex il-cameras jitwaħħlu mal-arbli tad-dawl. Il-kuntrattur ġie jwaħħal il-cameras u fil-ġranet li ġejjin ser jitqabdu mas-sistema tal-LESA.

Fuq nota oħra, s-Sa Chircop ġibdet l-attenzjoni kien hemm sid ta' dgħajsa ser naddaf il-qiegħ tad-dgħajsa tiegħu u ħalla ammont ta' koċċli mal-art.

Is-Sur Bongailas tkellem fuq il-bagi tal-baħar. Is-Sindku wieġeb li dawn jaqgħu taħt ir-responsabilita` ta' Transport Malta.

8.25.4.5 **Festa tal-Kalkara**

Is-Sindku sostna li bħal kull sena meta tasal il-Festa tal-Lokal, il-Kunsill jobbliga ruħu biex jieħu ħsieb il-preparamenti u x-xogħolijiet neċessarji dizzjonali bħal tindif ta' toroq, għeluq ta' toroq u affarijiet oħra. Huwa d-dover u sens ċiviku li Kunsill jieħu ħsieb dan kollu u għalhekk jagħmel ċertu spejjeż. Is-sena l-oħra l-ispiża totali ġiet madwar €3,000.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru x-xogħolijiet li hemm bżonn għall-festa.

Is-Sur Bongailas tkellem dwar l-istorbju tal-ħruq ta' nhar minn fuq il-blat u mhux qed jingħataw permessi. In-nar jinħaraq minn fuq barkun li l-pożizzjoni tiegħu tiddeċidieħ Transport Malta. Il-Kunsill Lokali ma għandux jagħti permess għall-ebda okkażjoni li jinħaraq nar fuq il-blat ta' Bighi.

8.25.4.6 **Ħinijiet tas-Sajf tal-Latrini Pubbliċi u l-Għeluq tas-Service Road ix-Xatt**

Is-Sindku nforma illi l-ħin tal-latrini pubbliċi li hemm ix-xatt ser jiżdied matul l-istaġun tas-Sajf. Għalhekk mis-16 ta' Ġunju 2025 sat-30 ta' Settembru 2025, mit-Tnejn sal-Ħamis, il-latrini ser jingħalqu fl-10pm u mill-Ġimgħa sal-Ħadd ġie estiż sal-11pm.

Is-Sindku żied jgħid illi ser terġa' tibda tingħalaq *is-service road* matul il-weekend bejn is-7.30pm u l-11pm fejn l-istabbilmenti ġewwa l-Misraħ Arċisqof Gonzi . Dan sabiex il-pjazza tkun aktar sigura u tkun tista' titgawda mill-pubbliku.

8.25.4.7 **Tender Għas-Servizzi tal-Perit tal-Kunsill**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill li ġie *awarded* it-tender għas-servizzi tiegħu. Hma ser jerġu jiltaqgħu miegħu fejn is-siti li ser isiru x-xogħolijiet fosthom Trejqet iċ-Ċimiterju, Villa Portelli u x-Xelter li hemm fit-Taraġ ta' San Ġużepp.

8.25.4.8 **Xelter f'Taraġ San Ġużepp**

Is-Sindku ddiskuta l-proġett ta' devoluzzjoni tax-Xelter li jinsab f'Taraġ San Ġużepp. Huwa żied jgħid li ltaqa' wkoll mal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara fejn ipproponew li dn ix-xelter jiġi amministrat mill-istess Assoċjazzjoni.

Fid-dawl ta' dan il-Kunsill unanimament qabel l-Kunsill jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex dan ix-xelter jiġi devolut lill-Kunsill ħalli jkun jista' jibda' l-proċess ta' restawr. Wara dan il-proċess, l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara tibda tamministra dan ix-xelter.

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiskatta l-proċess ta' devoluzzjoni.

**8.25.5 Korrispondenza**

8.25.5.1 Is-Segreratju Eżekuttiv tkellem fuq l-ilment li rċeva mingħand l-Ombusdman wara rapport dwar persuna li ħasset li l-ġenitur tagħha ġie diskriminat waqt il-proċess tal-għażla għall-ispażju tad-dgħajjes fiż-żona ix-Xewkija. Huwa żied jgħid li ġie kkompilat rapport bil-fatti u dokumentazzjoni sabiex jitwiegħeb dan l-ilment.

Is-Sindku enfasizza li fil-proċess tal-għażla, il-Kunsill mexa mal-kriterji stabbilit u ma saru l-ebda preferenzi.

8.25.5.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Librerija Pubblika dwar għotja ta' € 800 sabiex bihom jinxtraw il-kotba għal-librerija.

8.25.5.3 Korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Kunsill ġie nfurmat illi kien hemm xi tibdil fil-pjanti tal-Planning Application PA/01546/25.

8.25.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Ewwel Quarterly Report għas-sena 2025. Il-Kunsill ġie nfurmat li sal-31 ta' Marzu 2025, il-Kunsill għamel *surplus* ta' € 7,128, dan mertu ta' infieq b'aktar responsibbilita`.

8.25.5.5 Il-Kunsill ipproċeda l-applikazzjoni sabiex isir parkeġġ ta' un/loading quddiem il-Kalkara Boatyard.

8.25.5.6 Is-Sindku kiteb b'mod uffiċjali lill-Ministru għat-Trasport dwar il-proposti tal-Kunsill li kienu resqu r-residenti Kalkariżi.

**8.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Is-Sa Speranza Chircop

8.25.6.1 Għall-okkazzjoni ta Jum il-Kalkara, is-Sa Chircop ser iġġib tal-Blood Mobile Unit.

8.25.6.2 Il-Sa Chircop irringrazzjat lil Mediterranean Chinese Medicine talli laqgħu l-istedina tal-Kunsill u provdew sessjoni ta' informazzjoni f'Misraħ Arċisqof Gonzi u rringrazzjat ukoll l-anzjani li attendew din is-sessjoni.

8.25.6.3 Is-Sa Chircop marret il-ġurnata ta' Sqallija akkumpanjata ma' numru ta' anzjani u ħadt ferm gost flimkien..

8.25.6.4 Is-Sa Chircop infurmat li l-ħarġa tal-irġiel ma saritx minħabba s-sħana.

8.25.6.5 Dwar l-Active Aging, is-Sa Chircop qalet li s-sessjonijiet ser ikomplu matul l-istaġun tas-Sajf.

Is-Sa Maria Sultana

8.25.6.6 Is-Sa Sultana nfurmat dwar l-attivita` li kien hemm l-iskola u l-gradwazzjoni tat-tfal fil-klassi tal-Kindergarden.

8.25.6.7 Is-Sa Sultana talbet li jiġi offrut ġelat fl-aħħar ġurnata tal-iskola. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din it-talba.

8.25.6.8 L-Active Aging infurmaw li l-kuntratt tal-iSchool Grannies jagħamel mat-tmien is-sena skolastika 2024/2025. Għalhek il-Kunsill huwa obblikat li jerġa' joħroġ is-sejħa. Matul din il-ġimgħa saret laqgħa mal-Kap tal-Iskola dwar l-iSchool Grannies. Il-Kap tal-iskola faħħret il-ħidma u servizz tagħhom. Ġie deċiż illi kull term skolastiku, tibda ssir laqgħa mal-Ischool Grannies flimkien mas-Sindku, is-Sa Sultana, u l-Kap tal-Iskola. Ġie ssuġġerit li l-ewwel laqgħa ssir kif tkun ser tibda s-Sena Skolastika.

8.25.6.9 Ġie ssuġerit li ssir laqgħa bħala ringrazzjament lis-School Grannies għas-servizz tagħhom.

Is-Sur Vincent Bongailas

Is-Sur Bongailas ma kellux punti x'jressaq.

Is-Sur Christopher Bruno

8.25.6.10 Is-Sur Bruno tkellem dwar is-sitwazzjoni fi Triq Staubenze peress li qiegħed jintefa' skart illegali u ssuġerixxa li tiġi nstallata kamera ta' solvenjanza.

8.25.6.11 Is-Sur Bruno talab sabiex isir manutenzzjoni fi Patri Matthew Sultana.

8.25.6.12 Is-Sur Bruno talab li ssir tabella bil-kliem 'Falling Rock'.

**8.25.7 Punti Ġenerali**

8.25.7.1 Ma kienx hemm.

**8.25.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

8.25.8.1 Ma kienx hemm.

**8.25.9** **Mozzjonijiet**

8.25.9.1 Fuq pronoment tas-Sa Maria Sultana u li ġiet sekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-laqgħa li jmiss ser tibda fid-9.00am.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tagħhom.

**8.25.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Christopher Bruno ssekondata mis-Sa Maria Sultana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**8.25.11** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fl-4.30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2025, fid-9.00am. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 8/7/25

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**